MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 269/2005

**Mario Ellul ID 311656(M) u Godwin Ellul ID 282558(M) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' en nom collectif bl-isem "Grech and Ellul" numru tar-registrazzjoni P- 83**

**vs**

**Chas Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-9 ta' Mejju 2005 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' Lm1646.53 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija debitament ammess bhala dovut mis-socjeta' konvenuta u dan skond kif jidher minn rendikont li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument ittra "A", bl-imghax u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;

2. Illi assolutament bla pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, l-ammont mhux kollu dovut peress illi s-somma ta’ Lm345 kienet giet pacuta ma’ ammont ekwivalenti rapprezentanti prezz ta’ reklamar li sar ghal beneficcu tas-socjeta’ attrici, u peress illi jrid jitnaqqas ukoll l-“ICI paint machine” li kienet difettuza u ma tiffunzjonax.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi jiggestixxu negozju taht l-isem ta’ socjeta’ ghan-nom kolletif *“Grech & Ellul”* u tahdem principalment fil-qasam taz-zebgha tal-karozzi. Minn nahha l-ohra s-socjeta’ konvenuta qieghda wkoll f’dan ix-xoghol billi fost affarijiet ohra tizbogh karozzi li jigu ghandha ghat-tiswija. Kien ghalhekk illi sar arrangament bejn is-socjeta’ konvenuta u l-atturi fejn dawn ta’ l-ahhar jissupplixxu lis-socjeta’ konvenuta makkinarju ghat-tahlit taz-zebgha, kif ukoll zebgha bil-kwantita’ bi prezzijiet specjali. Ir-relazzjoni kummercjali taghhom kellha tkun regolata bi ftehim illi kellu jsir fit-2 ta’ Jannar 1999 li kopja tieghu jinsab esebit a fol 20 tal-process. Dan il-ftehim qatt ma gie ffirmat, ghad illi jidher illi l-partijiet ippretendew lil xulxin li josservaw it-termini ta’ l-istess ftehim. Skond dan il-ftehim is-socjeta’ konvenuta kellha tixtri minghand l-atturi kwantita’ ta’ zebgha fl-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira (Lm2,500) fis-sena. Minn nahha l-ohra l-atturi kellhom jissupplixxu makkinarju ghat-tahlit taz-zebgha kif ukoll li jhallsu ghall-*“advertising board”* li ttellghet fuq l-istabbiliment tas-socjeta’ konvenuta bir-rata ta’ tlett mitt lira fis-sena. Jidher illi l-inkwiet inqala meta l-makkinarju ta’ l-atturi tat-tahlit taz-zebgha ma bediex jiffunzjona kif suppost, fejn allura s-

socjeta’ konvenuta naqset ix-xiri taz-zebgha minghand l-atturi.

Minn nahha taghhom meta raw li s-socjeta’ konvenuta li ma kienetx qed tlahhaq il-valur taz-zebgha pattwit, allura dehrilha illi kellha tithallas ghaz-zebgha effettivament supplit u lanqas ma hallset ghall-*“advertising board”* kif ippretendiet is-socjeta’ konvenuta. It-talba ta’ l-atturi tinsab dokumentata permezz tal-fattura a fol 2 tal-process illi jkopri perijodu mill-24 ta’ Awissu 1999 sal-25 ta’ April 2002. Permezz tal-verbal redatt fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2007 il-partijiet qablu illi z-zebgha ndikata f’din il-fattura kollha giet ikkonsenjata u accettata mis-socjeta’ konvenuta. Dina pero’ fl-ewwel eccezzjoni taghha qajjmet ostakolu ghat-talba ta’ l-atturi permezz ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16.

Ikkunsidrat:

L-artikolu fuq imsemmi jippreskrivi l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar. Ghalhekk l-ewwel haga l-Qorti trid tikkunsidra hi jekk ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienetx wahda li tinkludi bejgh bl-ingrossa jew bl-imnut. Bhalma diga’ nghad irrizulta mill-atti illi l-atturi qeghdin fin-negozju u jipprovdu fost affarijiet ohra zebgha bi kwantita’ ghal *sprayers* sabiex dawna jkunu jistghu jaqdu l-klijenti taghhom.

Mario Ellul xehed *“peress illi s-socjeta’ konvenuta kienet tirrikjedi ammont sostanzjali ta’ zebgha, ahna konna nipprovdu z-zebgha bl-ingrossa.”* (fol 19). Dana jaghmel sens peress illi l-konsumatur finali taz-zebgha kkonsenjat mill-atturi ma kienetx is-socjeta’ konvenuta, izda l-klijenti taghhom. Iz-zebgha ma kienetx tinxtara minghand il-konvenuti ghal konsum taghhom, ghad illi kienu jahdmu biha. Pero’ l-konsumatur finali li kien igawdi minn dan il-prodott kien il-klijent illi jhallas ghal xoghol maghmul mis-socjeta’ konvenuta. Quindi l-Qorti taqbel ma’ Mario Ellul illi n-negozju bejn il-partijiet kien wiehed regolat bil-bejgh bl-ingrossa.

L-artikolu kkwotat mis-socjeta' konvenuta 2148(b) tal-Kap 16 isemmi terminu ta' bejgh bl-imnut. Quindi l-Qorti ma jidhirliex illi l-artikolu kkwotat mis-socjeta' konvenuta japplika ghal dan il-kaz u lanqas ma ghandha tfittex ghal xi artikolu iehor li forsi jkun aktar applikabbli ghac-cirkostanzi.

Kif qalet il-Qorti *"invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mill-ligi, l-Qorti ma tistax jekk dik invokata tirrizulta sostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikolari ohra li ma gietx invokata."* (Vol XLII pt ii pg 1152). Ghalhekk il-Qorti sejra tezamina t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet it-tpacija bejn iz-zebgha li xtrat minghand l-atturi u l-*"advertising board"* illi tellghet fuq l-istabbiliment taghha.

Ikkunsidrat:

Kif gia nghad, ma hemmx dubbju illi z-zebgha jew merkanzija li tidher fil-fattura a fol 2 giet konsenjata u accettata mis-socjeta' konvenuta. Lanqas ma hu kontestat illi l-partijiet kellhom ftehim jew kellhom il-hsieb illi jigi redatt ftehim illi l-atturi jhallsu tlett mitt lira (Lm300) fis-sena ghall-*"advertising board"* illi kellha tittella' fuq il-fond tas-socjeta' konvenuta.

Mario Ellul filwaqt illi rrikonoxxa illi kien hemm tali hsieb semma wkoll illi l- ftehim qatt ma gie ffirmat u ma hassux obbligat bit-terminu tal-ftehim ladarba s-socjeta' konvenuta ma zammitx l-istess terminu u quindi anke ghal dan l-*"advertising board"* ma hassux obbligat li jhallas, pero' semma li biex jigu evitati kawzi u minghajr pregudizzju kien lest li jnaqqas it-tlett mitt lira (Lm300) mill-kont illi pprezenta lis-socjeta' konvenuta. Minn nahha taghha filwaqt li mhix qed tikkontesta l-ammont reklamat mill-atturi, s-socjeta' konvenuta tippretendi kumpens fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin lira (Lm345) ghall-*"advertising board"* plus vat kif ukoll il-valur tal-*"paint machine".*

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-*"paint machine"* ma kienetx proprjeta' tas-socjeta' konvenuta izda ta' l-atturi. Dina kienet ghand is-socjeta' konvenuta b'self minghand l-atturi sakemm kienet ghadha vigenti r-relazzjoni kummercjali bejniethom. Darba dina spiccat il-makkinarju gie mehud lura minghand l-atturi u ta' dan ma gietx addebitata s-socjeta' konvenuta peress li ma kellha l-ebda dritt tippretendi l-hlas taghha. Ghalhekk it-tpacija li tippretendi s-socjeta' konvenuta hija limitata biss ghall-"*advertising board"* fis-somma ta' tlett mitt lira (Lm300), haga li ma gietx accettata mill-atturi. Ma rrizultax illi s-socjeta' konvenuta hadet xi azzjoni sabiex tiehu lura l-ammont li qed tirreklama ghall-*"advertising board".* Il-Qorti jidhrilha illi stante dawn ic-cirkostanzi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex id-dritt illi titlob tpacija ma' l-ammont li qeghdin jirreklamaw l-atturi. Dana mhuwiex il-mod kif issir tpacija.

Fil-kawza Anastasi vs Dickson (Prim Awla 3 ta' Novembru 1982). *"Skond l-Artikolu 1240 (illum 1197) it-tpacija tista' ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett, inter alia somma ta' flus li jkunu t-tnejn likwidati u jistghu jintalbu. Jekk is-somma tkun kontestata ma tistax isservi bhala bazi ta' tpacija."*

F'kawza ohra Onorevoli Carm Lino Spiteri vs DPW (Appell 25 ta' Jannar 1988), filwaqt illi kkonfermat it-taghlim fuq imsemmi qalet illi *"t-tpacija lanqas ma topera ipso jure jekk ma tkunx ammessa mill-parti l-ohra."* (ara wkoll Prim Awla Joseph Borg noe vs Norman Buckle noe et deciza fit-12 ta' Dicembru 2002). Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta mhijiex sostenibbli u timmerita li tkun michuda.

La darba ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-meritu (ara verbal 13 ta' Novembru 2007).

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallashom is-somma ta' elf sitt mija u sitta u erbghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm1,646.53) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz

ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta kif jidher mir-rendikont anness ma’ l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------